A.L. 422 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IT-TELEGRAFIJA MINGĦAJR FILI (KAP. 49)

Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Telegrafija mingħajr Fili (Emenda ta' l-Iskeda)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 4(1) ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titlu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili (Emenda ta' l-Iskeda), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza".

Kap. 49.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Ordinanza.

2. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' l-Ordinanza, li tipprovdi għal Drittijiet għal Ħruġ u Tiġdid ta' Liċenzi dwar Riċezzjoni ta' xandir, il-partita 2 dwar Liċenza dwar Apparat ta' Riċezzjoni f'Terminal ta' Satellita, għandha titħassar.